



---

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel*

---

**2022/2006(INI)**

11.2.2022

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika:  
stharrig annwali dwar it-tkabbir sostenibbli 2022  
(2022/2006(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Pascal Canfin

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi l-kwistjonijiet indirizzati fl-istrateġija annwali għat-tkabbir sostenibbli 2022 għandhom, fost affarijiet oħra, impatt ċar fuq il-bijodiversità, it-tibdil fil-klima u s-saħħa;
1. Jinnota l-wegħda li saret fl-istrateġija annwali għat-tkabbir sostenibbli 2022 biex it-tranżizzjoni makroekonomikament u ambjentalment sostenibbli, ġusta u ekoloġika tkompli titpoġġa fil-qalba tal-proċess tas-Semestru Ewropew, filwaqt li r-reżiljenza ekonomika, is-sostenibbiltà ambjentali, in-newtralità klimatika, is-saħħa pubblika u l-benesseri taċ-ċittadini jiġu stabbiliti bħala prinċipji gwida għall-irkupru tal-UE;
  2. Ifakkar li l-UE u l-Istati Membri tagħha impenjaw ruħhom skont l-Artikolu 2.1(c) tal-Ftehim ta' Pariġi li jallinjaw il-flussi finanzjarji kemm pubbliċi kif ukoll privati ma' perkors kompatibbli mal-objettiv li t-tisħin globali jiġi limitat għal 1,5 °C; jisħaq li dan jirrikjedi tneħħija gradwali tas-sussidji diretti u indiretti kollha għall-fjuwils fossili malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-2025;
  3. Jisħaq fuq l-importanza li jitħaffef l-allinjament tal-proċess tas-Semestru Ewropew mal-objettivi klimatiċi u ambjentali fuq żmien qasir u fit-tul tal-UE kif stabbiliti fl-ambitu tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, minqusa fil-leġiżlazzjoni permezz tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima u msaħħa fil-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %"; jilqa' l-inklużjoni ta' taqsimiet iddedikati f'kull rapport tal-pajjiż tas-Semestru Ewropew dwar il-progress tal-Istati Membri fl-oqsma differenti tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, kif ukoll l-istabbiliment ta' indikaturi addizzjonali biex jimmonitorjaw u jiggwidaw il-prestazzjoni tal-Istati Membri fid-dawl tal-għanijiet ta' politika tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Ftehim ta' Pariġi notevolment qabel ir-rendikont globali li jmiss;
  4. Jinnota li, it-twertiq tal-aġenda ambizzjuża tal-Patt Ekoloġiku tal-UE se jirrikjedi investiment sinifikanti u li, skont il-Kummissjoni, huwa stmat li n-nuqqas ta' investimenti pubbliċi u privati biex ikopru t-tranżizzjoni ekoloġika huwa ta' kważi EUR 520 biljun fis-sena, matul l-għaxar snin li ġejjin; jisħaq li dan se jirrikjedi azzjoni politika ulterjuri biex il-flussi finanzjarji jiġu diretti mill-ġdid lil hinn minn attivitajiet ekonomiċi dannużi lejn attivitajiet ekonomiċi sostenibbli; jinnota, barra minn hekk, li billi sehem sostanzjali tal-investment se jinġarr mis-settur privat, l-investment pubbliku u l-politiki li jmexxu l-investment privat għas-sostenibbiltà se jkollhom jiżdiedu wkoll; jissottolinja li jista' jinħoloq spazju fiskali sinifikanti billi jitneħħew gradwalment is-sussidji diretti u indiretti li jagħmlu ħsara lill-ambjent, b'mod partikolari s-sussidji għall-fjuwils fossili;
  5. Itenni l-appell tiegħu għar-riorjentazzjoni tas-sistemi tat-taxxa lejn użu akbar tat-tassazzjoni ambjentali u l-ġlieda kontra l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa;
  6. Jistieden lill-Kummissjoni testendi l-approċċ tas-Semestru Ewropew attwali biex tonora l-impenn politiku tagħha li tagħmlu għodda ta' governanza li tappoġġa l-ksib tal-Patt

Ekoloġiku Ewropew u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli; jissottolinja l-ħtieġa li l-objettivi klimatiċi, ambjentali, inkluża l-bijodiversità, u l-objettivi soċjali tal-UE, jiġu integrati aktar u b'mod aktar komprensiv, u mingħajr ma jiddgħajjef il-proċess ta' monitoraġġ ta' dan is-Semestru Ewropew estiż, sabiex l-Istati Membri jingħataw analiżi u indikaturi lil hinn mill-indikaturi ekonomiċi biss, biex b'hekk jirriflettu aħjar l-isfidi attwali li jiffaċċjaw l-Istati Membri biex inaqqsu l-impronta ekoloġika tagħhom u jagħmlu l-proċess mutur tal-bidla lejn benesseri sostenibbli għal kulħadd fl-Ewropa;

7. Iqis li s-Semestru Ewropew jista' jappoġġa l-isforz tal-UE biex tilħaq l-objettiv klimatiku tagħha għall-2030 u n-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050 billi tiżgura stabbiltà fiskali u ambjent li jiffavorixxi l-investiment; jisħaq li kwalunkwe bidla fis-Semestru Ewropew ma tridx tnaqqas l-iskop oriġinali tiegħu;
8. Ifakkar fl-importanza li jiġi żgurat li s-Semestru Ewropew ikun allinjat mal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) u fil-ħtieġa li jiġi indirizzat malajr l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-ekonomija Ewropea; jenfasizza li l-RRF iġġib magħha opportunità bla preċedent u unika għall-Istati Membri kollha biex jindirizzaw l-isfidi strutturali ewlenin u l-ħtiġijiet ta' investiment u biex jittrasformaw l-ekonomiji tagħhom biex jagħmluhom sostenibbli u aktar reżiljenti għal xokkijiet futuri; jisħaq fuq l-importanza ta' implimentazzjoni xierqa tar-riformi u l-investimenti f'kull wieħed mill-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza, filwaqt li jiġi rrispettat bis-sħiħ il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u monitoraġġ bir-reqqa tal-implimentazzjoni sħiħa tan-nuqqas ta' rigressjoni tal-liġi ambjentali tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tanalizza t-talbiet kollha għal pagament fid-dawl ta' dak imsemmi qabel u tiżgura konformità sħiħa tal-istadji importanti u l-miri kollha milħuqa bir-regolament RRF qabel ma tagħti l-pagamenti, b'mod partikolari l-konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u r-rekwiżiti speċifiċi tal-Anness VI għar-Regolament RRF fejn rilevanti; huwa tal-fehma li l-RRF għandha sservi bħala ispirazzjoni għar-rieżami tal-qafas għall-governanza makroekonomika, b'mod partikolari fl-identifikazzjoni tal-isfidi strutturali komuni u l-ħtiġijiet ta' investiment; jisħaq, barra minn hekk, li dan ir-rieżami għandu jfassal qafas ta' abilitazzjoni biex l-Istati Membri jaċċelleraw it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi tagħhom, ineħħu d-diskrepanza fl-investiment klimatiku u ambjentali tagħhom u jiżguraw it-tneħħija rapida tas-sussidji kollha li jagħmlu ħsara lill-ambjent, b'mod partikolari s-sussidji għall-fjuwils fossili;
9. Ifakkar li 7,5 % tal-baġit tal-UE għandu jkun iddedikat għall-objettivi tal-bijodiversità mill-2024 'l quddiem, li jitla' għal 10 % mill-2026 'l hemm; jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li dawn il-livelli ta' nfiq jintlaħqu anke qabel l-iskadenzi stipulati; iħeġġeġ ulterjorment lill-Istati Membri jżidu l-investiment fil-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità, filwaqt li jwettqu riforma fis-sussidji li jagħmlu ħsara lill-bijodiversità u jiskrinjaw (*ex ante*) u jimmonitorjaw (*ex post*) l-appoġġ ta' rkupru għall-impatti tagħhom fuq il-bijodiversità;
10. Jisħaq fuq il-ħtieġa li s-Semestru Ewropew jiffaċilita l-aċċess ekwu għall-kura tas-saħħa ta' kwalità tajba; jenfasizza li l-pandemija attwali kellha impatt sostanzjali fuq il-kura essenzjali, b'mod partikolari fir-rigward tal-mard kroniku, iżda wkoll fuq il-kura ta' emerġenza fl-Istati Membri kollha; itenni, f'dan ir-rigward, li s-Semestru Ewropew għandu jindirizza r-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa.

11. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħa l-involviment tal-Parlament Ewropew, kif ukoll tal-awtoritajiet reġjonali u lokali, is-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet tas-saħħa, il-korpi xjentifiċi u partijiet ikkonċernati ewlenin oħra matul il-proċess ġenerali, inklużi r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u matul l-implimentazzjoni, kif ukoll il-fażijiet ta' monitoraġġ u ta' evalvazzjoni, bil-għan li jiġi żgurat li s-Semestru Ewropew ma jkunx biss eżerċizzju burokratiku, iżda jikseb soluzzjonijiet meħtieġa sew għaċ-ċittadini tal-Istati Membri tagħna.
12. Jissottolinja li l-fondi u r-riżorsi għandhom ikunu diretti lejn proġetti u benefiċjarji li jonfqu r-riżorsi b'mod responsabbli, effettiv u għal proġetti ekonomikament vijabbli;
13. Iwissi kontra ż-żieda fil-piż tat-taxxa fuq il-kontribwenti, kemm f'forma diretta kif ukoll indiretta, u l-piż regolatorju ġenerali.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	10.2.2022
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 44 -: 41 0: 2
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Mathilde Androuët, Nikos Androulakis, Bartosz Arłukowicz, Margrete Auken, Simona Baldassarre, Marek Paweł Balt, Traian Băsescu, Aurélie Beigneux, Monika Beňová, Hildegard Bentele, Sergio Berlato, Alexander Bernhuber, Malin Björk, Simona Bonafè, Delara Burkhardt, Pascal Canfin, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Tudor Ciuhodaru, Nathalie Colin-Oesterlé, Esther de Lange, Christian Doleschal, Marco Dreosto, Bas Eickhout, Cyrus Engerer, Eleonora Evi, Agnès Evren, Pietro Fiocchi, Raffaele Fitto, Malte Gallée, Iratxe García Pérez, Catherine Griset, Jytte Guteland, Teuvo Hakkarainen, Martin Hojsík, Jan Huitema, Yannick Jadot, Adam Jarubas, Petros Kokkalis, Athanasios Konstantinou, Ewa Kopacz, Joanna Kopcińska, Peter Liese, Sylvia Limmer, Javi López, César Luena, Fulvio Martusciello, Liudas Mažylis, Joëlle Mélin, Tilly Metz, Silvia Modig, Dolors Montserrat, Alessandra Moretti, Dan-Ștefan Motreanu, Ville Niinistö, Ljudmila Novak, Grace O’Sullivan, Jutta Paulus, Stanislav Polčák, Jessica Polfjård, Nicola Procaccini, Luisa Regimenti, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Sándor Rónai, Rob Rooken, Silvia Sardone, Christine Schneider, Günther Sidl, Ivan Vilibor Sinčić, Linea Søgaaard-Lidell, Maria Spyrali, Nils Torvalds, Edina Tóth, Véronique Trillet-Lenoir, Petar Vitanov, Alexandr Vondra, Mick Wallace, Pernille Weiss, Michal Wiezik, Tiemo Wölken, Anna Zalewska
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Anna Deparnay-Grunenberg, Karin Karlsbro, Ska Keller, João Pimenta Lopes, Róża Thun und Hohenstein, Idoia Villanueva Ruiz

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB  
JAGĦTI OPINJONI**

<b>44</b>	<b>+</b>
NI	Athanasios Konstantinou
Renew	Pascal Canfin, Martin Hojsik, Jan Huitema, Karin Karlsbro, Billy Kelleher, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Linea Søgaaard-Lidell, Róża Thun und Hohenstein, Nils Torvalds, Véronique Trillet-Lenoir, Michal Wiezik
S&D	Nikos Androulakis, Marek Paweł Balt, Monika Beňová, Simona Bonafè, Delara Burkhardt, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Tudor Ciuhodaru, Cyrus Engerer, Jytte Guteland, Javi López, César Luena, Alessandra Moretti, Sándor Rónai, Günther Sidl, Petar Vitanov, Tiemo Wölken
The Left	Malin Björk, Petros Kokkalis, Silvia Modig, Idoia Villanueva Ruiz
Verts/ALE	Margrete Auken, Anna Deparnay-Grunenberg, Bas Eickhout, Eleonora Evi, Malte Gallée, Yannick Jadot, Tilly Metz, Ville Niinistö, Grace O'Sullivan, Jutta Paulus

<b>41</b>	<b>-</b>
ECR	Sergio Berlato, Pietro Fiocchi, Raffaele Fitto, Joanna Kopcińska, Nicola Procaccini, Rob Rooker, Alexandr Vondra, Anna Zalewska
ID	Mathilde Androuët, Simona Baldassarre, Aurélie Beigneux, Marco Dreosto, Catherine Griset, Teuvo Hakkarainen, Sylvia Limmer, Joëlle Mélin, Silvia Sardone
NI	Edina Tóth
PPE	Bartosz Arłukowicz, Traian Băsescu, Hildegard Bentele, Alexander Bernhuber, Nathalie Colin-Oesterlé, Christian Doleschal, Agnès Evren, Adam Jarubas, Ewa Kopacz, Esther de Lange, Peter Liese, Fulvio Martusciello, Liudas Mažylis, Dolors Montserrat, Dan-Ștefan Motreanu, Ljudmila Novak, Stanislav Polčák, Jessica Polfjärd, Luisa Regimenti, Christine Schneider, Maria Spyraiki, Pernille Weiss
The Left	João Pimenta Lopes

<b>2</b>	<b>0</b>
NI	Ivan Vilibor Sinčić

The Left	Mick Wallace
----------	--------------

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjonijiet